**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.D**

**Att ta' Akuza Nru: 28 / 2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Ray Schembri**

**Illum 5 ta' Settembru, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 28 tas-sena 2023 migjuba fil-konfront tal-akkuzat Ray Schembri iben Anthony u Lucy xebba Attard imwieled l-Awstralja nhar il-25 ta' Frar, 1981, u resident 37, Leokyl, Triq id-Dejma, Tarxien detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 273484M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ipremetta:

**L-EWWEL (1) KAP** - *Stupru fuq il-persuna ta' Elaine Schembri*

**Il-fatti** :

ILLI nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Ray Schembri** b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr kunsens,

ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra u cioe' tal-vittma Elaine Schembri.

Illi dan l-istupru huwa wieħed kwalifikat ġaladarba ġie kommess fuq il-persuna tal-konjuġi attwali u li għandha trabi komuni mal-akkużat, u kif ukoll illi kienet qiegħda tgħix fl-istess dar mal-akkużat. Infatti l-akkużat **Ray Schembri** u l-vittma Elaine Schembri kienu żżewġu nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u flimkien għandhom żewġt itfal;

ILLI nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4:00 a.m.) wasal lura d-dar l-akkużat **Ray Schembri** mill-każin, u mar fl-istess sodda fejn kien hemm il-vittma Elaine Schembri rieqda li madanakollu stenbħet malli semgħatu. L-akkużat **Ray Schembri** kellu aptit jagħmel atti sesswali ma' Elaine Schembri u qalilha diskors bħal "u ejja ħallini ħa nġerrihulek naqra please", fejn hija qaltlu sabiex iħalliha u li kien ser jikkumplika l-ħajja għaliex kien jaf li għaddejjin mis-separazzjoni. L-akkużat **Ray Schembri** qalilha li lilha jrid u beda jgħidilha sabiex għal-inqas tħallih jerdagħhulha naqra, u hija bdiet tgħidlu le. L-akkużat **Ray Schembri** prova jisforza l-parti intima tiegħu ma' ħalq il-vittma Elaine Schembri, u hi ma ħalliethux u bdiet tipprova tinbuttah għax ried ibusha u hi ma riditx. L-akkużat **Ray Schembri** niżżlilha l-panty u mingħajr il-kunsens tagħha, kellu konġunġiment karnali magħha bi lsienu billi niżel jerdagħlha l-parti ġenitali tagħha , fejn hija kienet xotta u illubrikaha bil-bżieq tiegħu stess, imbagħad mingħajr il-kunsens tagħha, kellu konġunġiment karnali magħha billi ippenetraha bil-parti tiegħu fil-parti tagħha.

ILLI l-vittma Elaine Schembri baqgħet tinsisti li hija ma rieditx tipparteċipa f'dawn l-atti mal-akkużat u bdiet tipprova tinbuttah iżda ma kellhiex saħħa biżżejjed sabiex jirnexxilha tagħmel dan u hija bdiet tibki. Tant kemm ma rieditx li waqt l-istupru hija żammet iebsa bil-konsegwenza li wara beda juġgħaha ħafna taħt żaqqha. Kif il-vittma bdiet tibki, l-akkużat **Ray Schembri** beda jgħidilha li aktar ma kienet ser tibki huwa iktar kien ser jirvilla. Il-vittma Elaine Schembri bdiet tgħid lill-akkużat **Ray Schembri** sabiex jieqaf għaliex kien jaf li għalxejn u li hija ma kienet baqgħet tħoss xejn għalih, liema diskors beda jingħad waqt il-konġunġiment karnali mingħajr il-kunsens ta'

Elaine Schembri. Dan il-konġunġiment dam ftit minuti u huwa eġakola l-isperma barra fuq is-sodda u wara raqad;

ILLI aktar tard dakinhar u cioe' fil-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) għall-ħabta tal-għaxra ta' bil-lejl (22:00 p.m.) il-Pulizija ġewwa l-Għassa tar-Raħal Ġdid ġew infurmati mill-Isptar Mater Dei illi daħlet persuna femminili l-emerġenza tal-Isptar Mater Dei u qaltilhom li iktar kmieni, fis-siegħat bikrin ta' dakinhar stess, hija kienet ġiet stuprata minn żewġha;

ILLI l-Pulizija aċċedew immedjatament fuq il-post cioe' fl-Isptar Mater Dei, fejn ġiet mitkellma l-vittma Elaine Schembri. Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija irriżulta wkoll li f'Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) il-vittma kienet diġa' bdiet proċeduri ta' separazzjoni minn ma' żewġha l-akkużat **Ray Schembri** u dawn il-proċeduri ta' separazzjoni waqqfithom sabiex tagħtih ċans ieħor għaliex huwa kien qalilha li mhux ser jiffrekwenta iktar każini tal-banda. L-ittra ta' bidu ta' proċeduri ta' separazzjoni personali li ntbagħtet f'Jannar tal-elfejn u dsatax (2019) kienet intbagħtet mill-vittma Elaine Schembri fl-indirizz ta' omm l-akkużat **Ray Schembri** u mal-wasla lura tiegħu fid-dar matrimonjali, l-akkużat **Ray Schembri** kien mar ifferoċjat għall-vittma Elaine Schembri, u meta hija kienet fil-kamra tas-sodda, qattgħalha l-piġama, kellu konġunġiment karnali magħha mingħajr kunsens. Il-vittma Elaine Schembri ma kinitx irrapportat dak l-inċident mal-ewwel għaliex l-akkużat **Ray Schembri** kien heddidha li jekk kienet sejra tirraportah bi stupru, huwa kien ser jgħamlilha agħar;

ILLI f'okkażjoni oħra u cioe' f'Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) f'lejl minnhom bejn nhar ta' Ġimgħa u Sibt, il-vittma Elaine Schembri ħarġet tfittex lill-akkużat **Ray Schembri** bil-vann tiegħu stess għaliex ma kienx irritorna lura d-dar u qatta lejl sħiħ barra mid-dar. Is-Sibt filgħodu il-vittma Elaine Schembri sabet lill-akkużat **Ray Schembri** f'ħanut ġewwa Ħal Luqa, u wara irritorna lura d-dar. Meta mar lura d-dar, il-vittma Elaine Schembri qaltlu sabiex jagħmel l-awrina ġo vażett, u wara marret bih għand spiżjar bil-għan li jivverifika xi drogi kien abbuża minnhom l-akkużat **Ray Schembri**, u l-kampjun irriżulta pożittiv għall-kokaina;

ILLI permezz ta' ittra datata d-disa' (9) jum ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-avukat tal-vittma Elaine Schembri, għan-nom tagħha, bagħtet ittra lill-akkużat **Ray Schembri** sabiex tinfurmah illi l-proċeduri tas-separazzjoni kienu ser jitkomplew u sabiex ma jersaqx fiżikament lejn il-vittma Elaine Schembri;

ILLI fil-perjodu ta' meta bdew il-proċeduri ta' separazzjoni, kienu jorqdu fl-istess sodda, imma madankollu ma kellhomx relazzjonijiet sesswali intimi bejniethom għaliex il-vittma Elaine Schembri kienet tgħidlu li ma kinitx ser tħallih jippenetraha;
ILLI sussegwentement, l-akkużat **Ray Schembri** ġie mitkellem mill-Pulizija u irrilaxxa stqarrija nhar l-ewwl (1) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019). Huwa ammetta li sar diskors kważi eżatt meta daħal fis-sodda u lil Elaine Schembri qalilha sabiex iġerrihulha naqra u li ppenetraha fil-parti ġenitali tagħha.

**<u>Il-konsegwenzi</u>** :

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Ray Schembri** sar ħati ta' **<u>stupru</u>**, u cioe' talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, **<u>b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra (Elaine Schembri)</u>**, b'dan illi dan l-istupru huwa wieħed kwalifikat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna tal-konjuġi attwali u li għandha trabi komuni mal-akkużat, u kif ukoll illi kienet qiegħda tgħix fl-istess dar mal-akkużat;

**<u>L-akkuża</u>** :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Ray Schembri** ħati ta' **<u>stupru</u>**, u cioe' talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, **<u>b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula</u>**

**<u>b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra (Elaine Schembri)</u>**, b'dan illi dan l-istupru huwa wieħed kwalifikat *stante* li ġie kommess fuq il-persuna tal-konjuġi attwali u li għandha trabi komuni mal-akkużat, u kif ukoll illi kienet qiegħda tgħix fl-istess dar mal-akkużat.

**<u>Il-piena mitluba</u>** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ray Schembri** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn tmien (8) snin sa erbgħin (40) sena**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 198(1), 198(2), 198(3), 198(4), 198(5), 202(h)(i), 202(h)(iv), 202(h)(v), 383, 384, 385 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Att dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kap.518 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP -** ***Fastidju lil Elaine Schembri***

**<u>Il-fatti</u>** :

ILLI nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat Ray Schembri b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, issoġġetta lil persuna oħra cioe' lil Elaine Schembri għal xi att ta' intimità fiżika, talab favuri sesswali mingħand persuna oħra u cioe' l-istess Elaine Schembri, u kif ukoll issoġġetta lil persuna oħra Elaine Schembri għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu ikkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha.

ILLI fl-isfond u fil-kuntest taċ-ċirkostanzi, żmien, lok u fatti imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u

dsatax (2019), għall-ħabta tal-erbgħa ta' filgħodu (4:00 a.m.) wasal lura ġewwa d-dar matrimonjali l-akkużat **Ray Schembri** mill-każin, u mar fl-istess sodda fejn kien hemm il-vittma Elaine Schembri li stenbħet malli semgħatu. L-akkużat **Ray Schembri** kellu aptit jagħmel atti sesswali ma' Elaine Schembri u qalilha diskors bħal "u ejja ħallini ħa nġerrihulek naqra please", fejn hija qaltlu sabiex iħalliha u li kien ser jikkumplika l-ħajja għaliex kien jaf li għaddejjin mis-separazzjoni. L-akkużat **Ray Schembri** qalilha li lilha jrid u beda jgħidilha sabiex għal-inqas iħalliha jerdagħhulha naqra, u hija bdiet tgħidlu le. L-akkużat **Ray Schembri** prova jisforza l-parti intima tiegħu ma' ħalq il-vittma Elaine Schembri, u hi ma ħalliethux u bdiet tipprova tinbuttah għax ried ibusha u hi ma riditx.

ILLI l-akkużat **Ray Schembri** u l-vittma Elaine Schembri kienu żżewġu nhar l-erbatax (14) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u flimkien għandhom żewġt itfal. Madanakollu, permezz ta' ittra datata d-disa' (9) jum ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-avukat tal-vittma Elaine Schembri, għan-nom tagħha, bagħtet ittra lill-akkużat **Ray Schembri** sabiex tinfurmah illi l-proċeduri tas-separazzjoni kienu ser jitkomplew u sabiex ma jersaqx fiżikament lejn il-vittma Elaine Schembri;
ILLI sussegwentement, l-akkużat **Ray Schembri** ġie mitkellem mill-Pulizija u irrilaxxa stqarrija nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019). F'din l-istqarrija, huwa ammetta li sar diskors kważi eżatt ta' dak li semgħet Elaine Schembri meta daħal fis-sodda u qalilha sabiex 'iġerrihulha naqra'.

**<u>Il-konsegwenzi</u>** :

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Ray Schembri** sar ħati ta' **<u>fastidju</u>**, u cioe' talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, **<u>b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, issoġġetta lil persuna oħra, cioe' lil Elaine Schembri għal xi att ta' intimità fiżika, talab favuri sesswali mingħand persuna oħra, cioe' l-istess Elaine Schembri, u kif ukoll issoġġetta lil persuna oħra lil Elaine Schembri għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba,</u>**

**<u>stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu ikkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha</u>**, liema atti twettqu fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, cioe' Elaine Schembri, liema delitt jew delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament.

**<u>L-akkuża</u>** :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Ray Schembri** ħati ta' **<u>fastidju</u>**, u cioe' talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, **<u>b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, issoġġetta lil persuna oħra (Elaine Schembri) għal xi att ta' intimità fiżika, talab favuri sesswali mingħand persuna oħra (Elaine Schembri), u kif ukoll issoġġetta lil persuna oħra (Elaine Schembri) għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu ikkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha</u>**, liema atti twettqu fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, cioe' Elaine Schembri, liema delitt jew delitti relatati twettaq jew twettqu ripetutament.

**<u>Il-piena mitluba</u>** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ray Schembri** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn sebgħa (7) xhur sa tnax (12) il-sena**, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 251A(1)(ċ), 251A(1)(d), 251A(1)(e), 222(1)(a), 251H(a), 251H(b), 251HA, u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

IT-TIELET (3) KAP - *Pussess sempliċi tad-droga Kokaina*

**<u>Il-fatti</u>** :

ILLI nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Ray Schembri** kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fix-xahar ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) f'lejl minnhom bejn nhar ta' Ġimgħa u Sibt, il-vittma Elaine Schembri ħarġet tfittex lill-akkużat **Ray Schembri** bil-vann tiegħu stess għaliex ma kienx irritorna lura d-dar. Is-Sibt filgħodu il-vittma Elaine Schembri sabet lill-akkużat **Ray Schembri** f'ħanut ġewwa Ħal Luqa, u wara mar lura d-dar. Meta mar lura d-dar, il-vittma Elaine Schembri qaltlu sabiex jagħmel l-awrina ġo vażett, u wara marret bih għand spiżjar bil-għan li dan jivverifika xi drogi kien abbuża minnhom l-akkużat **Ray Schembri**, u l-kampjun irriżulta li kien pożittiv għall-kokaina;

ILLI Ray Schembri irrilaxxa stqarrija nhar l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn ammetta li darba abbuża mid-droga ikkontrollata kokaina, dik id-darba f'Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019) f'lejl minnhom bejn nhar ta' Ġimgħa u Sibt;

**<u>Il-konsegwenzi</u>** :

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Ray Schembri** sar ħati talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, **<u>kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-importazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-</u>**

**droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.**

**L-akkuża** :

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti imsemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att tal-Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Ray Schembri** ħati ta' **pussess sempliċi ta' droga kokaina**, u cioe' talli nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel, ġewwa Ħal Tarxien u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, **kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-importazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispożizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.**

**Il-piena mitluba** :

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Ray Schembri** u illi huwa jiġi ikkundannat għall-**piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn tliet (3) xhur iżda mhux iżjed minn tnax (12)-il xahar jew multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) jew dik il-priġunerija u multa**

**flimkien** skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 22(1)(a)(2)(b)(ii) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-akkuzat Ray Schembri, pprezentata fir-registru ta' din l-Onorbbli Qorti nhar l-1 ta' Gunju, 2023 fejn espona bir-rispett: Li biha qieghed iressaq il'quddiem is-segwenti eccezzjonijiet preliminari:

1. Illi l-akkuzat jinsab akkuzat fit-tielet (3) kap tal-Att tal-Akkuza bil-pussess semplice tad-droga kokaina. Illi jidher li din l-akkuza harget in konsegwenza ta' dak li xehdet il-parte civile Elaine Schembri fis-seduta tat-13 ta' Gunju, 2019 quddiem il-Qorti Struttorja. Illi a fol 73-74 tal-atti l-imsemmija xhud fost affarijiet ohra xehdet li hija ad insaputa tal-esponenti haditlu kampjun tal-awrina u ghamlet test ghand l-Ispizjar garr taghha ghal vverifikar ta' abbuz ta' sustanzi illeciti.

   Illi dan il-kampjun gie mehud minghajr il-kawteli stabbiliti mill-Ligi, sia ta' twissija biex dak li jkun, f'dal kaz l-esponenti, jghazel iridx jirrilaxxja kampjuni li jistghu potenzjalment jinkriminawh u sia tal-parir li persuna investigate jkollha dritt tottjeni minghand l-Avukat taghha qabel ma' tirrilaxxja kwalsiasi tip ta' prova;

   Aktar minn hekk, id-difiza u jew l-Qorti ma' kellhom ebda kontroll bhala 'chain of evidence' fuq dak li ghamlet l-parte civile, bl-ottjeniment, priservar u eventwali stharrig ta' dana l-kampjun. Wiehed irid izomm f'mohhu x-xenarju ta' dan il-kaz li meta ttiehed dan is-suppost kampjun il-partijiet kienu fi process ta' separazzjoni u l-parte civile kienet qed tara ma' x'hiex tista 'tiggranfa' biex toskura lil zewgha. Illi dan il-kaz huwa fil-fatt kollu kemm hu mibni fuq storja vvintata tal-parte civile u ghalhekk dovut dawn il-fatti, il-Qorti ghandha tisfilza u tqis inammissibli kull fejn fl-atti processwali ssir referenza ghal dana l-episodju tal-kampjun ghal vverifikar ta'sustanzi lleciti kif hawn gie spjegat u kif ser jigi amplifikat waqt it-trattazzjoni ta' dina n-nota.

2. Mill-bqija l-jury fl-ismijiet hawn fuq premessi ser ikun minghajr pregudizzju ghal dina l-ewwel eccezzjoni kkontestat fil-mertu;

3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri meta u jekk ikun il-kaz dejjem jekk permessi fil-Ligi;

Rat l-atti kollha processwali, inkluz l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semghet il-partijiet jittrattaw:

**Ikkunsidrat:**

1. **L-ewwel eccezjoni**

Fl-eccezzjoni principali tieghu, l-akkuzat qieghed jsostni illi din il-Qorti ghandha tisfilza u tqis inammissibli kull fejn fl-atti processwali ssir referenza ghal ghall-episodju tal-kamjun ghal vverifikar ta' sustanzi illeciti. Min-naha l-ohra l-Avukat Generali rrimetta ruhhu u dan stante li l-kampjun in kwistjoni ma jinstabx fl-atti.

Illi din il-Qorti hi tal-fhema illi jekk il-provi jistghux jitqiesu li jippruvaw l-elementi kostitutivi tar-reat ta' pussess semplici tad-droga kokaina skond kif imsemmi fit-tielet Kap. tal-Akkuża, hija kwistjoni li trid tigi affrontata matul il-kors tal-guri u li dwarha l-gurati jkunu jridu johorgu l-verdett tagħhom u mhux f'dan l-istadju. Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Xerri** deciz nhar it-22 ta' Gunju 2022 (fejn saret ukoll referenza għal decizjoni ohra tal-istess Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius**) inghad: -

> *'Issa l-kwistjoni dwar jekk il-fatti probatorji li ser jkunu ippreżentati quddiem il-ġurati mill-Prosekuzzjoni iwasslux għar-reat addebitat lill-akkużat hija deċiżjoni li għandha tkun rimessa biss f'idejn il-ġurati u ma hijiex kwistjoni ta' dritt li għandha tkun deċiża mill-Qorti.* ***Lanqas allura ma għandu raġun jikkontendi l-appellant illi dawn il-fatti jemerġu minn provi mhux ammissibbli fil-liġi, l-ewwel nett***

***ghaliex meta l-Avukat Ġenerali jkun qed ifassal l-Att ta'l-Akkuża ma jistax jkun jaf a priori liema huma dawk l-eċċezzjonijiet li ser jiġu sollevati mill-persuna akkużata u fit-tieni lok, ghaliex il-fatti hemmhekk narrati ma jikkostitwixxu ebda fatt ippruvat.*** *Illi fuq kollox il-ġurati dejjem jkunu imwissija mill-Imħallef fl-indirizz tiegħu illi l-espożizzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxi l- ebda prova fil-ġuri kif lanqas dawn il-fatti hekk esposti ma huma suffiċjenti sabiex il-ġurati jasslu għal xi verdett ta' ħtija.*

*"Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun"*

Fis-sentenza ricenti fl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta vs Darren Mizzi**,[1] fejn saret ukoll referenza ghas-sentenza sucitata, gie ritenut hekk:

*'37. Din tirrifletti wkoll il-posizzjoni ġurisprudenzjali riżultanti mill-appell kriminali* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Steven Muscat*** *deċiż fit-13 ta' Mejju 1998, fejn ġie rilevat:*

*Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.*

[1] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar l-20 ta' Gunju, 2023.

*38. U f'dak fl-ismijiet* ***__Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dominic Zammit et__*** *deċiż nhar il-31 ta' Lulju 1998 fejn ingħad:*

*L-artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali dejjem inghata l-interpretazzjoni illi ghall-fini ta' l-istess ikun* ***__sufficjenti jekk ir-reat li jkun jifforma s-sostanza ta' l-att ta' l-akkuza jkun jirrizulta imqar mir-rapport guramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-kumplament, cjoe' dwar jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment trid tigi riservata ghal min ghandu jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Kriminali, il-gurati.'__***

L-Artikolu 435 tal-Kodici Kriminali jistipula s-segwenti:

*'435. (1) L-Avukat Ġenerali jista' jiġbor u jġib provi oħra ma' dawk li jkunu nġiebu fil-kompilazzjoni:*

***Iżda ma jista' jdaħħal fl-att tal-akkuża ebda reat li l-akkuża tiegħu ma tkunx tista' toħroġ mill-kompilazzjoni li tkun saret.'***

Kif gie ritenut mill-akkuzat stess fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, il-pussess semplici tad-droga kokajina jirrizulta mill-kumpilazzjoni u cioe' mix-xhieda tal-parti leza Elaine Schembri. Huwa minnu li jekk l-akkuza ta' pussess semplici tad-droga kokajina tirrizultax ippruvata *o meno,* hija xi haga li ma ghandiex tigi deciza minn din il-Qorti izda mill-gurati u cioe' l-imhallfin tal-fatti. Dan stante li merament kwistjoni ta' relevanza u mhux ta' ammissibilita`, hi rimessa biex tigi regolata mill-Imhallef togat fil-kors tal-guri. F'dan ir-rigward issir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **__Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et__**[2] fejn gie ritenut hekk:

*'Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra din il-Qorti tirribadixxi illi ghandha ssir distinzjoni bejn ir-rilevanza u l-ammissibilita ta' prova*

[2] Deciza minn dil il-Qorti kif diversament ippreseduta nhar it-30 t' Ottubru 2020.

*billi l-kwistjoni dwar ir-rilevanza tal-provi ghandha tigi imhollija unikament fid-diskrezzjoni tal-gurati u dan wara li l-istess jigu debitament iggwidati mill-Imhallef togat dwar il-punti ta' dritt li jsawwru l-valur probatorju tal-evidenza migjuba fil-process gudizzjarju, u ma ghandha qatt tkun imhollija ghad-decizjoni tal-Qorti li tiskarta prova li tkun ammissibbli ghalkemm tista' tkun irrilevanti.'*

Il-kaz odjern huwa partikolari u dan stante li mhux qieghed jinghad illi hemm evidenza li mhux relevanti izda li hija inammissibbli ghaliex ma ttihditx skond il-ligi. Din il-Qorti ghandha sitwazzjoni fejn il-*parte civile* hadet kampjun tal-urina, minghand l-akkuzat minghajr il-kunsens tieghu.

Skond l-Artikolu 350 tal-Kodici Kriminali, kampjun tal-urina huwa kampjun mhux intimu:

> "*kampjun mhux intimu*" *tinkludi –*
> *(a) kampjun ta' xagħar minbarra xagħar pubiku;*
> *(b) kampjun meħud minn difer jew minn taħt difer;*
> *(ċ) kampjun miġbur b'assorbenti meħud minn xi parti talġisem ta' persuna inkluż il-ħalq iżda mhux minn xi fetħa oħra fil-ġisem;*
> ***(d) urina jew saliva;***
> *(e) marka tas-sieq jew xi marka simili ta' xi parti talġisem ta' persuna minbarra xi parti minn idu;*
> *(f) kampjun tal-vuċi;*

L-Artikolu 355BB tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk:

> ***'355BB. Kampjuni minn persuna li ma tkunx persuna arrestata jistgħu biss jittieħdu bil-kunsens mogħti bil-quddiem u bil-miktub ta' dik il-persuna**:*
>
> ***Iżda fil-każ fejn persuna, li ma tkunx il-persuna arrestata, tirrifjuta li tagħti l-kunsens tagħha għat-teħid ta' kampjun,***

***kemm jekk ikun kampjun intimu kif ukoll jekk ikun kampjun mhux intimu, tista' wkoll tinkiseb l-awtorizzazzjoni ta' Maġistrat wara li jsir rikors u, mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 355AZ, dik l-awtorizzazzjoni għandha tkopri wkoll it-teħid ta' dawk il-miżuri proporzjonati u neċessarji inkluż l-użu tal-forza mill-Pulizija Eżekuttiva biex jingħata effett għal dik l-awtorizzazzjoni'***

Fil-kaz odjern, zgur ma jistax jinghad illi tali kampjun ittiehed bl-awtorizzazjoni tal-akkuzat u lanqas ma ttiehed bl-awtorizzazzjoni ta' xi Magistrat. Il-parti leza lanqas ma agixxiet bhala membru tal-Korp tal-Pulizija. Ghaldaqstant, zgur jista' jinghad illi tali kampjun ma ttihidx skond il-ligi u ghalhekk dan il-kampjun u kwalunkwe referenza ghalih huwa inammissibli u ghandu jigi sfilzat. Jekk din il-Qorti thalli din it-tip t'evidenza fl-atti tkun hi stess li tizgwida l-gurati ghaliex din l-evidenza ttiehdet kontra l-ligi u ghalhekk hemm *exclusionary rule of evidence* li jirrendi l-kampjun u/jew kwalunkwe referenza ghalih inammissibli. Ghaldaqstant ghandu ragun l-akkuzat fir-rigward tal-eccezzjoni mressqa minnu. Din l-evidenza u cioe' l-kampjun in kwistjoni mhux xi bicca evidenza bhal per ezempju xi ritratti li ttiehdu bil-mohbi jew bla permess ta' xi hadd, ghaliex dawn jkunu ammissibli peress li l-Qrati taghna ma jhaddmux il-principju tal-*forbidden fruit*. F'dan il-kaz pero' il-ligi stess qed tipprovdi kif ghandha tigi mehuda din it-tip ta' evidenza u johrog b'mod car, kif diga' gie ritenut, li l-ligi ma gietx segwita f'dan ir-rigward u oltre minn hekk l-istess kampjun mhux esebit fl-atti.

Di piu' din il-Qorti tixtieq ukoll tesprimi l-fhema taghha fir-rigward tac-*chain of evidence.* Il-principju tac- 'chain of custody' daqskemm ic-'chain of evidence', jghid li huwa dritt sagrosant tal-akkuzat li jkollu garanzija tal-awtenticita' tal-provi pprezentati mill-Prosekuzzjoni kif ukoll tal-origini taghhom, ta' xi movimenti li dawn setghu ghamlu u tal-mod kif dawn gew ipprezervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew gew ikkompilati sal-mument illi l-istess gew ipprezentati bhala evidenza fil-proceduri quddiem il-Qorti.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Josef Majri**[3] gie ritenut hekk:

*41. Ma jrid jitħalla ebda dubju raġjonevoli f'moħħ minn irid jiġġudika l-fatt dwar it-traċċjabilita tal-oġġetti jew dwar l-awtentiċita, l-integrita u l-kontinwita tagħha. Il-Prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova li dik l-evidenza li ġiet miġbura, maħduma u miżmuma b'mod integru mill-bidu tal-istħarriġ sal-fażi fejn tkun qed tiġi preżentata b'evidenza fil-Qorti. Fis-sentenza Il-Pulizija vs. Raymond Azzopardi deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-3 ta' Diċembru 2019 b'referenza għal prinċipju tac-'Chain of Custody' qalet hekk:*

*'17. Sejra taghmel dan kollu kemm ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, kif ukoll sabiex l-appellant ma jkunx imcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq skont il-ligi. L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors talinvestigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.*

*18. Dan ghaliex:*

*Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not*

[3] Deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta nhar it-28 ta' Marzu, 2023.

*confused by the excitement of the moment. It is not absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953). However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. "**Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom.**'*

*42. Fuq livell internazzjonali wieħed isib ukoll pronunzjamenti oħra, bħal dawk tal-Qorti Suprema Amerikana fejn fis-sentenza **<u>Hawkins vs. State of Arkansas</u>** għamlet referenza għal sentenza oħra **<u>Guydon vs. State</u>** li hija meqjusa bħala 'landmark case' fuq materja ta' ammissibilita' ta' evidenza. In fatti, evidenza tkun ritenuta ammissibbli **<u>biss</u>** jekk din l-evidenza tkun awtentika u ma jirriżultax li qatt ġiet mittiefsa jew mibdula b'xi mod u dan in linja mal-prinċipju tac-'chain of custody'. L-istess intqal fil-każijiet **<u>Chatmon vs. State, Garner vs. State u Davis v. State[4]</u>**, fost oħrajn. Imbagħad, issir referenza wkoll għas-**<u>sentenzi State vs. Thomas, State vs. Olsen, State vs. Burtchett u Mallillin vs. People[5]</u>** fejn ukoll il-prinċipju regolatur għal dak li għandu x'jaqsam mal-ammissibilita' tal-evidenza, kien enunċjat bħala bbażat fuq il-prova li dik l-evidenza utilizzata mill-Prosekuzzjoni ma ġiet qatt mibdula. Intqal ukoll kif l-ammissibilita' ta' din l-evidenza fil-Qorti teħtieġ eżerċizzju ta' apprezzament ta' fatturi bħalma huma 'the nature of the article, the circumstances surrounding*

[4] *9 Citing Guydon v. State, 344 Ark. 251 | Casetext aċċess: 20/10/22*
[5] *Hekk kif iċċitati mill-appellant f'paġna 7 tar-rikors ta' appell tiegħu.*

*the preservation and custody of it, and the likelihood of intermeddlers tampering with it'.*[6] *Fir-rigward tattraċċjabilita' tal-evidenza,* ***f'Barron vs. Valdmanis***[7] *intqal hekk:*

*In criminal prosecution where it is necessary to establish that material found in the accused's possession is identical with material subsequently analysed, there are, as was pointed out by Brereton J Young v Commissioner for Railways (1962) NSWR 647 at 651, two ways of doing so.* ***The first is to trace it from hand to hand and to this end it is usually necessary to call every person who had it in custody from the point of origin to the end of its journey.***[8] *The second method is to identify that which was found in the possession of a person charged by its physical characteristics with that which was analysed; per Justice Meares.*

*43. L-istess intqal* ***f'People vs. Beran***[9] *fejn il-prinċipju tac-'chain of custody' ġie enunċjat bħala marbut man-neċessita' li tiġi assigurata l-integrita' u l-valur probatorju tal-evidenza miġjuba u ntqal kif dan iseħħ biss jekk:*

*To be admissible, the prosecution must establish by records or testimony the continuous whereabouts of the exhibit*[10]*, from the time it came into the possession of the police officers, until it was tested in the laboratory to determine its composition, and all the way to the time it was offered in evidence.*

*44. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita' t-traċċjabilita' talevidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu kif intqal. Hekk biss l-akkużat jista' jkollu kontroll totali fuq l-integrita'*

[6] *State vs. Thomas, 32 St. Rep. 229, 532 P.2d. 405 (1975).*
[7] *US Supreme Court, Mejju 1978.*
[8] *Enfasi ta' din il-Qorti.*
[9] G.R. No. 203028, January 15, 2014
[10] *Enfasi ta' din il-Qorti.*

*ta' dik l-evidenza. Dan kien mistqarr fid-deċiżjoni* ***People vs. Connelly***[11] *fejn intqal is-segwenti b'referenza għar regola tac-'chain of custody':*

*When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that all those who have handled the item 'identify it and testify to its custody and unchanged condition.*

***45. Dan il-punt ta' dritt iġib miegħu allura konsiderazzjoni ta' natura probatorja li tistħarreġ preċiżament dan l-element ta' traċċabbilita. Din il-kwistjoni probatorja hija kwistjoni ta' fatt li għandha tiġi mħollija f'idejn l-imħallfin tal-fatt fl-istadju tal-ġuri. Huwa intempestiv f'dan l-istadju li tikkunsidra n-nuqqas tattraċċjabilita' tal-evidenza kif qiegħed jeċċpixxi l-akkużat oltre għallfatt li kif intqal, l-esperti in kwistjoni għad iridu jixhdu fl-istadju talġuri u għalhekk l-evidenza kollha minnhom miġbura għad trid tgħaddi mill-iskrutinju tal-imħallfin tal-fatt. Ma jkunx fil-kompetenza ta' din il-Qorti f'dan l-istadju li tiddeċiedi fuq in-nuqqas ta' valur probatorju ta' dokumenti formanti parti mill-atti kumpilatorji minħabba dak li l-akkużat qiegħed iqis bħala difett fic-'chain of custody' u fic-'chain of evidence'. Dan il-fatt, kemm -il darba huwa minnu, iridu jaslu għalih il-ġurati wara li jkunu semgħu l-provi kollha miġjuba quddiemhom u jridu jkunu huma li jiddeċiedu jekk hemmx kontinwita' fl-evidenza b'mod tali li jaslu jikkonvinċu ruħhom li mhemmx dubju dettat mir-raġuni dwar il-fatt li l-espert Gilbert Mercieca ġie mgħoddi l-esebiti mill-esperti Dr. Marisa Cassar u l-Ispettur Justine Grech.'***

In vista tas-suespost, u cioe' minhabba l-manjiera illegali ta' kif ittiehed il-kampjun in kwistjoni, din il-Qorti qedgha tilqa' l-ewwel eccezzzjoni mressqa mill-akkuzat Ray

[11] *35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974.*

Schembri u ghalhekk qedgha tiddikjara inammissibbli kwalunkwe referenza ghall-kampjun ghal vverifikar ta'sustanzi lleciti u konsegwentament tordna l-isfilz tal-istess.

**Consuelo-Pilar Scerri Herrera**
**Imhallef**

**Maria Grech**
**Deputat Registratur**